MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1648/1994/2

**Anthony Azzopardi u Carmelo sive Charles Azzopardi ezercenti l-kummerc taht l-isem C & T Azzopardi Fisheries**

**vs**

**Calcedonio sive Donald Attard u martu Mary Theresa sive Marthese Attard u b'digriet tas-17 ta' Marzu, 1997 John Pace gie kjamat in kawza**

**Il-Qorti:**

**Preliminari;**

B'citazzjoni pprezentata fl-1 ta' Dicembru, 1994 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc, l-atturi ppremettew illi l-konvenuti jinsabu debituri taghhom fis-somma ta' sbatax-il elf mitejn u wiehed u sittin lira u sebghin centezimu (LM17,261.70) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' hut mibjugh mill-atturi lill-konvenut Calcedonio Attard, liema dejn hu cert, likwidu u dovut (Dok A, Dok B u Dok C); illi l-konvenut nonostante li gie interpellat sabiex ihallas baqa' inadempjenti; illi l-konvenuta Mary Theresa Attard hija mart il-konvenut Calcedonio Attard; u ghalhekk talbu li l-Qorti:-

1. tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' LM17,261.70 fuq imsemmija rapprezentanti prezz ta' hut mibjugh mill-atturi lill-konvenut.

Bl-imghaxijiet kummercjali mit-28 ta' Gunju, 1994 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid, mandat ta' sekwestru u mandat ta' impediment ta' partenza prezentati kontestwalment u tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Novembru 1994 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Dicembru, 1994 meta l-Qorti pposponiet il-kawza ghas-sentenza ghal dak inhar stess wara li ddikjarat li fil-fehma taghha l-konvenut ma kellux eccezzjoni valida x'jaghti. Kien ghalhekk li dakinhar il-Qorti tal-Kummerc ppronunzjat ruhha favur it-talba attrici billi din kienet tidher gustifikata u ghalhekk laqghet it-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Minn din is-sentenza sar appell fejn intalbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija. Dan l-appell gie determinat b'sentenza ta' din il-Qorti, kif dak inhar komposta, tas-27 ta' Jannar, 1997 meta l-appell gie milqugh u s-sentenza appellata revokata. L-atti tal-kawza ghalhekk gew rinvijati

quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-kontinwazzjoni liema qorti kellha, qabel xejn, tordna l-kjamata in kawza ta' John Pace. Gie ordnat ukoll li l-proceduri quddiemha kellhom jipprocedu bil-procedura ordinarja. L-ispejjes baqghu a karigu ta' l-appellat.

Ghandu jinghad bhala fatt li fil-mori tal-proceduri quddiem din il-Qorti, kif dak inhar komposta, l-appellanti hallsu l-ammont ta' LM8600.00 li accettaw bhala is-sehem taghhom mill-ammont dovut lill-appellati. Bhala konsegwenza ta' dan il-pagament akkont, b'nota tad-9 ta' Dicembru, 1996 l-atturi irriducew l-ammont minnhom reklamat b'ammont ekwivalenti.

Meta l-kawza reget giet appuntata quddiem l-Qorti ta' l-ewwel grad il-konvenuti pprezentaw nota fit-12 ta' Frar, 1997 fejn eccepew:-

1. Illi tenhtieg il-kjamata fil-kawza ta' John Pace u martu isimha mhux maghruf: ir-raguni ta' din it-talba hija (li) dan John Pace kien wiehed mis-socji fin-negozju.
2. Illi, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza, l-eccipjenti kienu debituri biss ta' nofs l-ammont pretiz mill-atturi liema ammont huma issaldaw fil-mori tal-kawza. Dwar il-bilanc l-iehor ighidu illu huwa responsabbli ghalih John Pace u li ghalhekk l-eccipjenti ma ghandhom aktar ebda responsabilita` lejn l-atturi.
3. Illi f'kaz li l-atturi qed jippretendu s-solidarjeta` passiva, l-eccipjent qed jeccepixxi minn issa id-dritt li bhala kodebitur jitlob l-ispartizzjoni tad-debitu u l-kundanna tal-konvenut l-iehor ghal dan l-ammont. Dan qed jinghad sabiex jigi evitat cirkuitu zejjed ta' azzjonijiet.
4. Illi l-eccipjent qed jirriserva minn issa kull dritt lilu naxxenti mis-surroga fid-drittijiet ta' l-attur fil-kaz li jigi kkundannat ihallas l-ammont l-iehor li qed jikkontesta.

B'nota tat-22 ta' April, 1997 il-kjamat fil-kawza John Pace eccepixxa illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-konfront tieghu stante illi l-esponent ma kellux x'jaqsam mal-konsenja ta' hut in kwistjoni u ghalhekk ma huwiex debitur tal-attur fis-somma mitluba jew somma ohra verjuri.

**Is-sentenza appellata**

B'sentenza tad-29 ta' Settembru, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi filwaqt li irrespingiet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet dawk sollevati mill-kjamat in kawza, illiberat lil John Pace mill-osservanza tal-gudizzju u laqghet t-tieni talba attrici kif dedotta u ghall-ammont mitlub u ghalhekk ikkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dan l-ammont bl-interessi kif mitluba sal-pagament effettiv. Il-qorti ta' l-ewwel grad ukoll ordnat li l-ispejjes jithallsu interament mill-konvenuti konjugi Attard u dana wara li kkunsidrat li:-

*"fil-meritu, mill-provi jirrizulta li l-kreditu fl-ammont ta' LM17,261.70 (sbatax-il elf mitejn u wiehed u sittin lira Maltija u sebghin centezimu) prezz ta' hut mibjugh mill-atturi ghadu dovut. Il-konvenut, oltre li jghid li mieghu kien hemm imsieheb il-kjamat in kawza John Pace, eccepixxa li huwa u martu kienu debituri biss ta' nofs l-ammont pretiz, liema ammont pero` gie saldat fil-mori tal-kawza. Ghandu jinghad pero` li ma jirrizulta l-ebda rikonoxximent ta' xi pagament akkont jew per saldu ta' nofs il-kreditu da parte tal-atturi, ma hemm l-ebda prova jew ricevuti li turi konkluzivament li nofs il-kreditu pretiz mill-attur gie mhallas mill-konvenuti. Tali prova kienet tispetta lil min qed jallegaha, f'dan il-kaz il-konvenuti, u ma ngabitx. Kwindi s-sorte jidhru li ghadhom skoperti, igifieri li ma gewx imhallsin.*

*Il-konvenuti jsostnu li kull negozju li sar mill-atturi sar <u>in solidum</u> bejniethom (i.e. l-konvenuti) flimkien mal-kjamat in kawza John Pace. John Pace, min-naha tieghu, dejjem cahad li huwa qatt kien imxierek f'xi negozju ta' <u>esportazzjoni ta' hut frisk</u> mal-konvenuti. Il-kjamat in kawza invece jsostni illi hu u l-konvenuti kienu biss shab kwantu ghall-<u>importazzjoni ta' hut tal-friza.</u> Minbarra din ic-cahda pero`, l-attur Anthony Azzopardi kkonferma li min-naha taghhom, u kwantu ghall-hut deskritt fl-"invoices" Dok A, Dok B u Dok C – li dan il-hut kien gie mibjugh u kellu konsegwentement jithallas unikament mill-konvenuti u mhux il-kjamat fil-kawza. Mill-provi jirrizulta car u tond li l-konvenut Calcedonio sive Donald Attard kien pjenament konxju u konsapevoli tal-fatt li <u>l-"invoices" inhargu biss fuq ismu</u> u li huwa iffirma fuqhom biex jikkonferma li hu*

*tabilhaqq ircieva l-konsenja* *de quo.* *Veru li fil-kors tax-xhieda tieghu l-konvenut Donald Attard jghid li gieli gab id-diskors dwar id-dejn mal-kjamat in kawza imma ma jirrizultax li John Pace kien qatt accetta li jhallas xi sehem anzi l-istess konvenut jghid li dan Pace kien iwiegeb li ma kienx jimpurtah (ara fol 74). L-aktar li wasal mieghu John Pace – skond il-verzjoni tal-konvenut Attard li pero` hija ghal kollox michuda minn Pace – huwa kif gej (ara depozizzjoni tal-konvenut, a fol 76 tal-process):*

*'Kien jghid li jekk ma jithallasx minn barra minn Malta, lil Azzopardi ma jridx ihallsu u jiena dawn l-affarijiet ma joghgbunix u fil-fatt lil Azzopardi ghidtlu kemm-il darba li jiena lest li nhallsu imma ta' sehmi.'*

*Jirrizulta ppruvat li meta l-kunsinna ordnata mill-konvenut intbaghtitlu mill-atturi, l-imsemmi konvenut inzerta li dakinhar ma kienx Malta imma msiefer fuq xoghol f'Tunez. Jirrizulta wkoll li din il-konsenja gie(t) spezzjonata mill-kjamat in kawza. Issa l-kjamat in kawza xehed li ghalkemm kien minnu li huwa spezzjona il-kunsinna hut dan ghamlu ghan-nom tal-konvenut, li mieghu kien imsieheb f'intrapriza ohra relatata mal-importazzjoni ta' hut tal-friza. Li hu assodat, ghaliex hekk jemergi mill-provi, huwa li meta xi ftit granet wara din il-kunsenja l-atturi pprezentaw il-fatturi korrispondenti ghall-kunsenja, intestati f'isem il-konvenut, l-imsemmi Donald Attard* *iffirmahom bla riserva.* *Fi kliem iehor, l-"invoices" relativi ghall-hut li tieghu qieghed jintalab hlas mill-atturi permezz tac-citazzjoni in ezami, inhargu u gew iffirmati minn hadd hlief il-konvneut Attard. Il-konvenut ma rnexxilux iressaq provi sufficjenti biex jikkonvinci lill-Qorti* [dwar] *l-involviment tal-kjamat in kawza f'dan in-negozju partikolari li sar ma' l-atturi. L-atturi ppremettew u ppruvaw sufficjentement li r-relazzjoni kummercjali ta' dina l-operazzjoni kienet bejnhom u bejn il-konvenuti Attard. Fl-ahharnett il-kjamat in kawza baqa' jichad li b'xi mod kellu x'jaqsam ma' dina l-operazzjoni."*

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikorsipprezentata fit-12 ta' Ottubru, 2000 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fuq imsemmija billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u tichad it-talbiet attrici u jew tilqaghhom biss fil-konfront tal-kjamat fil-kawza John Pace u tichadhom fil-konfront ta' jew tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenuti appellanti, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

L-aggravji tal-konvenuti appellanti huma s-segwenti:-
a) Illi s-sentenza hija *ultra petita* billi ma haditx in konsiderazzjoni n-nota ta' riduzzjoni tal-atturi.
b) Illi bejn l-konvenut u l-kjamat in kawza kien hemm *societa` di fatto* li ggib id-divisibilita` tal-kreditu tal-attur fil-konfront taz-zewg debituri a tenur ta' l-Artikolu 1106 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
c) Illi fi kwalunkwe kaz hemm solidarjeta` passiva bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza li taghti lill-konvenut id-dritt ta' rivalsa kontra l-istess kjamat in kawza u b'rispett lejn il-principju li ghandhom jigu evitati multiplicita` ta' proceduri din il-Qorti ghandha tikkundanna lill-kjamat in kawza jhallas sehemu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Dwar l-ewwel aggravju ma hemmx hafna xi tghid. Infatti dan jidher gustifikat u sahansitra hemm l-adezjoni tal-atturi u tal-kjamat in kawza ghat-talba kontenuta fir-rikors ta' l-appell. Fin-nota prezentata mill-atturi fl-udjenza mizmuma quddiem din il-Qorti fid-9 ta' Dicembru, 1996 u cioe` meta kien qed jigi diskuss l-ewwel appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-5 ta' Dicembru, 1994, jinghad espressament hekk:-
*"Nota tal-atturi appellati - Li permezz taghha jirriducu t-talba attrici bis-somma ta' tmient elef u sitt mitt lira (LM8,600) stante pagament akkont fil-mori."* Din il-Qorti, kif dak inhar komposta, irrilevat dan il-fatt fis-sentenza tas-27 ta' Jannar, 1997 ghalkemm l-ammont imhallas mill-konvenut gie indikat bhala LM8630.85 u cioe` nofs l-kreditu pretiz fic-citazzjoni. Ghalhekk illum, in vista tan-

nota ta' riduzzjoni fuq imsemmija l-ammont in kawza huwa ta' LM8661.70 (tmient elef sitt mija wiehed u sittin lira maltin u sebghin centezimu). Il-kwistjoni tal-ispejjes zejda kkawzati minn dan l-lapsus ser tigi kunsidrata fil-parti konkluziva tas-sentenza.

Jibqa' issa li jigu kkunsidrati z-zewg aggravji l-ohra tal-konvenut appellant. Dawn l-aggravji huma marbutin mal-asserzjoni tal-istess konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu li f'dan in-negzoju partikolari huwa kien imsieheb mal-kjamat in kawza John Pace. Billi fil-mori tal-proceduri fl-appell precedenti, kif inghad hawn fuq, il-konvenut hallas nofs l-ammont reklamat mill-atturi, issa qed isostni li l-bilanc rimanenti huwa dovut mill-kjamat in kawza u l-qorti ghandha tikkundanna lill-istess kjamat in kawza ghall-hlas ta' dan il-bilanc a tenur ta' l-Artikolu 1106 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex jigu evitati proceduri godda.

Il-Qorti ta' l-ewwel grad ezaminat l-aspett ta' l-allegata shubija b'mod dettaljat u waslet biex cahdet din l-asserzjoni tal-konvenut billi eskludiet l-ezistenza ta' xi shubija bejnu u l-kjamat in kawza in konnessjoni ma' dan in-negozju partikolari billi sabet li mill-provi ma kien hemm xejn x'jikkorrobora din l-allegazzjoni. Din il-Qorti wara li ezaminati l-provi prodotti ma ssib ebda raguni lghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel qorti. Jizdied illi kif sewwa gie rilevat fir-risposta tal-kjamat in kawza, id-dokument JP a fol 152 tal-process - liema dokument jikkonsisti fi skrittura datata 28 ta' Ottubru, 1994 redatta minn Nutar John P. Hayman u iffrimata mill-konvenut u l-kjamat in kawza - jixhed il-kuntrarju ta' dak li qed jghidu l-konvenuti appellanti. In forza ta' l-imsemmi dokument il-partijiet iddikjaraw li n-negozju ta' bejniethom kien xolt u, f'dik l-okkazzjoni, ma saret ebda referenza ghal xi dejn pendenti mentri l-partijiet illimitaw ruhhom ghad-deskrizzjoni ta' xi beni mobili ta' proprjeta` komuni ezistenti fl-imsemmi negozju. Jigi osservat li din l-iskrittura saret wara l-akkwist tal-hut mertu tal-kawza u ghalhekk wiehed jippretendi li jekk verament kien hemm xi shubija in konnessjoni ma dan in-negozju dan id-dejn kien jissemma.

Darba stabbilit li ma kien hemm ebda shubija jew socjeta` bejn l-kontendenti dejjem fir-rigward tal-merkanzija in kwistjoni, it-talbiet maghmula fir-rikors tal-appell ma jistghux jigu milqugha. B'dana kollu din il-Qorti tosserva li, anke jekk ghall-grazzja tal-argument din il-prova setghet issir, xorta wahda l-aggravji tal-konvenuti appellanti mhux gustifikati.
Is-solidarjieta` f'operazzjonijiet ta' natura kummercjali tikkonferixxi fuq il-kreditur id-dritt li jdur kontra kull minn irid mid-debituri *in solidum,* b'ghazla tieghu, minghajr ma d-debitur ikun jista' jopponi l-beneficcju tal-qsim ta' l-obbligazzjoni. (Artikolu 1096, Kap 16). Meta l-ligi fl-Artikolu 1106 tal-Kap 16 titkellem dwar il-qsim tal-obbligazzjonijiet *in solidum* hemm qed tirriferi ghar-relazzjonijiet ta' bejn d-debituri solidali u mhux fir-rigward tar-relazzjonijiet taghhom vis-a-vis l-kreditur billi dan dejjem jibqa' intitolat jagixxi kontra kull wiehed minnhom kif jiddisponi l-Artikolu 1096 fuq imsemmi. Dan wara kollox huwa l-import ta' obbligazzjoni solidali.

Illi fl-ahharnett dak li intqal mill-konvenuti appellanti dwar solidarjeta` passiva f'obbligazzjonijiet kummercjali mhux relevanti billi, kif gja rajna, din s-solidarjeta` ma tezistix in kwantu ma kienx hemm ko-debituri ta' obbligazzjoni ta' natura kummercjali.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi milqugh in parte in kwantu l-ammont meritu tal-kawza gie ridott bis-somma ta' tmient elef u sitt mitt lira maltin (LM8,600) u ghalhekk fadal bilanc dovut fis-somma ta' tmint elef sitt mija wiehed u sittin lira maltin u sebghin centezimu (LM8,661.70) u ghall-dan l-ammont l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata limitatament ghall-ammont ridott. Dwar il-kap ta' l-ispejjes u minhabba l-incident fuq imsemmi fejn l-ewwel qorti ppronunzjat ruhha '*ultra petita*' din il-Qorti tipprovdi billi tordna li l-ispejjes zejda relativi ghall-ammont ta' tmient elef u sitt mitt lira (LM8,600) ghandhom jithallsu ugwalment bejn l-atturi u l-konvenuti, u dana kemm ghal dawk relativi ghas-sentenza appellata kif ukoll ta' dan l-appell u dana billi ma kien tort ta' hadd li gew inkorsi dawn

l-ispejjes zejda. L-ispejjes l-ohra kollha, sew tal-prim istanza u ta’ dan l-appell, inkluzi dawk tal-kjamat in kawza, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------